

# IN-NATURA TAS-SAGRIFIĊĊJU (4)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

F'dan l-artiklu issa se nkomplu naraw dwar in-natura ta' dawn id-debħiet li kienu jsiru ta' kuljum f'numru kbir u bla għadd fuq l-artal li kien hemm fil-bitħa miftuħa fit-tempju ta' Ġerusalemm. Sewwa li ngħidu wkoll li l-profeti tambru bil-qawwa kollha dwar dawn is-sagrifiċċji, l-aktar għaliex min joffrihom kellu jkun f'għaqda sħiħa ma' Alla. Altrimenti kollox ikun battal. Il-profeta Isaija (kap 1 sa 39) li għadda ħafna minn ħajtu qrib sew tal-maqdes

kellu kliem iebes tassew dwar dan kollu. "X'tiswieli l-kotra tas-sagrifiċċji tagħkom? Jgħid il-Mulej. Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad u mix-xaħam tal-bhejjem smien. Id-demm tal-gniedes u l-ħrief, u tal-imtaten ma jogħġobnix" (Is 1,11).

## Azzjoni divina

Li wieħed jiddeċiedi li jissagrifika xi vittma lil Alla, dan il-att aktar milli huwa azzjoni ta' bniedem, hija azzjoni u mbuttatura Divina. Jiġifieri jidħol fin-nofs it-twemmin. Alla biss u waħdu jista' jqaddes l-offerta li tkun qiegħda fuq l-artal tinħaraq u tintemm! Biex ikun hemm tassew sagrifiċċju lil Alla, il-mezzi ta' din l-art mhumiex biżżejjed, anqas in-nar imkebbes minn xi bniedem ma jgħodd; hemm il-ħtieġa ta' għajnuna mis-sema, mela nar li jkun ġej direttament minn Alla stess. Il-bniedem bil-ħiliet kollha li għandu mhux kapaċi li jidbaħ lil Alla, huwa jista' biss iqarreb u jressaq l-offerta lejn l-artal! Sa hemm biss jista' jasal! L-aċċettazzjoni tal-vittma din tiddependi biss minn Alla.

Ir-raba' Vangelu għandu frażi li taqbel ħafna ma' dan li qegħdin ngħidu: "Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-bniedem li niżel mis-sema" (Ġw 3,13). Il-ktieb tal-Levitiku jagħmel riferenza għal kult sagrifikali tal-poplu ta' Alla u li dan sar qalb in-nar li ġie mingħand Alla. Fil-mument tal-inawgurazzjoni tal-kult tal-qassisin, il-Levitiku jgħid li "ħareġ nar minn quddiem il-Mulej u kkonsma li kien hemm fuq l-artal; il-vittmi tas-sagrifiċċju tal-ħruq, u x-xaħam" (Lev 9,28). Dan mela jfisser li l-Mulej laqa' u aċċetta din l-offerta li kien hemm fuq l-artal.

Ġrajja oħra li tixbah lil din seħħet fid-dedikazzjoni tal-maqdes ta' Ġerusalemm. Skont it-tieni ktieb tal-Kronaki "xħin Salamun temm jitlob niżel nar mis-sema u kkonsma s-sagrifiċċju tal-ħruq u l-vittmi" (2 Kron 7,1). Dan serva ta' ċertifikat sħiħ u qawwi dwar il-validità tad-debħiet. Il-Bibbja tagħmel sew li turi li n-nar ġie mis-sema. Għalhekk il-Levitiu jisħaq li "in-nar għandu jibqa' jħeġġeġ għal dejjem u ma għandu jintefa qatt".(Lev 6,6). Mela dan kien dejjem l-istess nar li ġie mis-sema u li serva biex bih jinħarqu d-debħiet lil Alla.

Minn dan għalhekk toħroġ intuwizzjoni rigward in-natura tas-sagrifiċċju: Li tidbaħ mhix ħaġa li ġejja biss mill-bniedem. Li tidbaħ hija azzjoni divina. Dan għaliex Alla biss jista' jilqa' u jagħmel tabilħaqq l-offerta qaddisa. Biex ikun hemm debħa mhux biżżejjed il-mezzi ta' din l-art, anqas in-nar imkebbes minn xi





bniedem, hemm bżonn ukoll għajnuniet u mezzi missema, nar li jiġi direttament minn Alla. Alla biss jista' jqaddes offerta billi jqiegħed fiha n-nar divin, il-qdusija tiegħu stess li din hija "nar qerried" (Dt 4,24), "Kun af illum, mela, li l-Mulej, Alla tiegħek, hu li se jgħaddi quddiemek bħal nar li jibla'" (Dt 9,3).

## Aktar tifsir

Dan il-ħsieb huwa wieħed tassew validu u hemm bżonn li nfissruh aktar sew. Hawn xi ħaġa li għadha fl-imperfett, fin-nieqes; dan għaliex in-nar divin ħasbuh u interpretawh f'mod materjali, bħal xi sajjetta li taqa' mis-sema. L-awtur tal-ittra lil-Lhud għadda aktar 'il fuq dan il-ħsieb mhux daqstant perfett. Għalhekk filwaqt li rrifletta fuq il-passjoni ta' Ġesù, l-awtur skopra u kixef it-tifsira vera ta' dan is-simbolu tan-nar.

In-nar ta' Alla mhux xi sajjetta li waqgħet mis-sħab: Huwa l-ispirtu ta' qdusija! L-Ispirtu s-Santu huwa l-uniku kapaċi li jwassal u jagħmel il-vera bidla sagrifikali, jiġifieri li jwassal l-offerta fl-ambitu tal-qdusija divina. Ebda setgħa materjali anqas dik stess tan-nar ma hija kapaċi li twassal tassew offerta sa għand Alla, u dan għaliex mhix kwistjoni ta' xi vjaġġ fl-ispazju, daqskemm ta' bidla interjuri. Biex joqrob lejn Alla l-bniedem ma għandux bżonn ta' xi moviment minn barra imma ta' bidla mill-qrib. Bidla li ssir biss grazzi għal indħil tal-Ispirtu s-Santu. Dan l-istess ħsieb diġà Ġesù tkellem dwaru mal-mara Samaritana: "Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità" (Ġw 4,24)

Is-sagrifiċċju ta' Kristu ma ġarax minħabba n-nar li kontinwament jaqbad fuq l-artal tal-maqdes, imma permezz tal-Ispirtu etern, li mela l-qalb ta' Kristu b'qawwa ta' mħabba. Dan huwa s-sigriet tad-dinamiżmu intern li kellu

Ġesù li wasslu sa fuq is-salib: "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad!" (Lq 12,49). La darba Ġesù kien immexxi mill-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, huwa kellu dik ix-xeħta interna meħtieġa biex ibiddel il-mewt ta' wieħed ikkundannat u misħut f'offerta perfetta għalih stess lil Alla u dan ukoll favur ta' kulħadd.

Din il-qawwa spiritwali wasslet il-vera bidla sagrifikali, billi mexxiet in-natura umana ta' Kristu mil-livell ta' din id-dinja, mela mil-livell tad-demm u tal-laħam li Ġesù kellu grazzi għall-inkarnazzjoni lejn il-livell ta' għaqda definittiva ma' Alla fil-glorja. Ġesù għadda minn din id-dinja għand il-Missier b'dan il-mod, mhux b'xi vjaġġ fl-ispazju imma permezz ta' bidla qaddisa: "U jien minħabba fihom nagħti ħajti, biex huma wkoll ikunu mqaddsin permezz tal-verità" (Ġw 17,19). Huwa importanti li aħna naqbdu din l-idea tas-sagrifiċċju u ta' offerta, idea li fiha hemm il-qdusija u din grazzi għall-Ispirtu s-Santu li jsawwab fi qlubna l-imħabba divina.

## Aspett ta' bidla

Minflok ma nieqfu fuq l-aspett ta' ċaħda jew ta' tbatija sewwa li nqiegħdu l-attenzjoni tagħna aktar fuq l-aspett ta' bidla. Jekk il-Mulej jitlobna xi offerta dan mhux biex jagħni lilu nnifsu; huwa ma għandux bżonn tal-offerti, imma biex issir il-bidla fina. Dan diġà nsibuh fit-Testment il-Qadim; Jekk Alla jitlobna xi offerta huwa biex iwasslilna l-qdusija tiegħu, biex ibiddilna u jgħollina billi jimlina bl-imħabba tiegħu permezz tal-Ispirtu tiegħu. Aħna hemm bżonn li nifhmu li bil-forzi tagħna biss, mela bit-taħbit kollu li nivvintaw, m'aħniex kapaċi li nattwaw veru sagrifiċċju, imma li nistgħu biss nippreżentaw



l-offerta tagħna, u li mbagħad nitolbu lill-Mulej li hu jidbel l-offerta. Dan jista' biss isir grazzi għall-qawwa tal-Ispirtu s-Santu."

Aħna kif nistgħu nieħdu din il-qawwa? Bil-mod ta' kif ħadha Ġesù, kif miktub: "Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla." (Lhud 5,7). Ġesù kien "għadu jgħix fuq din l-art", mela ma telaqx minn sitwazzjoni kollha kemm hi spiritwali. L-offerta telqet minn punt umli u tqil. Kristu libes il-ġisem bħal tagħna, mela n-natura fraġli, dgħajfa u mortali. Huwa kien jinsab tassew f'sitwazzjoni ta' dwejjaq. Dan seħħ fil-milja kollha fil-Ġetsemani. Hekk kif Ġesù għadda minn din is-sitwazzjoni huwa talab aktar b'intensità: "Imma hu ħass dwejjaq tal-mewt fuqu u beda jitlob b'ħerqa akbar" (Lq 22,44). Dan kien wieħed mill-aktar mumenti tqal u ta' dwejjaq ta' Ġesù f'ħajtu. Għalhekk huwa kellu bżonn tal-Ispirtu s-Santu biex ikompli jwieżnu quddiem dak kollu li kien hemm lest għalih. Hekk Ġesù rċieva fin-natura umana l-milja ġdida tal-Ispirtu s-Santu. Dan l-Ispirtu tah il-qawwa biex joffri lilu nnifsu b'imħabba perfetta għall-umanità kollha.

Biex kull wieħed minna jkollu l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li jbiddel l-offerti tagħna hemm bżonn li nimxu fuq il-passi ta' Kristu u nitolbu b'intensità. Fl-aħħar mill-aħħar kull talba dejjem għandha l-istess għan: Li nieħdu mill-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u ninfetħu dejjem aktar għal azzjoni li tbiddel lilna u l-offerti li nagħmlu 'l Alla.

